**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA MSEJĦA B'URĠENZA NUMRU ĦMISTAX**

**22 ta' LULJU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**SKUŻAT**

Il-membru Joseph D'Amato nforma lis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' email li ma setgħax jattendi.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**15.1** ***SKEMA FINANZJAMENT GĦALL-PROĠETTI - MEMO 55/2011***

15.1.1 Ic-Chairperson Pierre Farrugia qal li jiddispjacieħ li kellu jagħjjat laqgħa b'urġenza illum waqt waħda mill-festi tar-raħal, imma ried li jsiru ċertu kjarifiki.

15.1.2 Wara l-email li l-membru Joseph D'Amato bagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fir-rigward ta' dak li kien miftiehem fuq skema finanzjament għall-proġetti, iċ-Chairperson xtaq li jikkjarifika li l-kumitat amministrattiv qatt ma kien qabel fuq triq partikolari. Hu qal li kien hemm qbil li jittieħdu stimi mingħand il-perit u wara jiddeċiedu fuq triq partikolari. Fis-seduta preċedenti kien hemm qbil li l-ewwel is-Segretarju Eżekuttiv tindika lill-Kumitat

Amministrattiv x'fadal eżatt mill-aħħar budget u wara li l-perit jagħmel l-istimi ta' Triq it-Torri u Triq in-Nigret, il-kumitat jiddeċiedi kif ser jipproċedi.
Ġa la darba dan sar u ġa la darba l-istimi tal-perit qabżu l-ammont li l-iskema qed toffri, hu bħala Chairperson ma deherlux li għandu jittieħdu fondi mil-budget ta' din is-sena li għada ma spiċċatx u joffri alternattiva lill-Kumitat, billi jistaqsi jekk jaqblux li l-Kumitat Amministrattiv jitlob stimi ta' toroq oħra lill-perit.

15.1.3 Fuq il-punt li għamel il-membru Joseph D'Amato li qal li c-Chairperson għadu ma qalx fuq liema toroq ser jitlob stima lill-perit, ic-Chairperson qal li ma setgħax jindika l-ismijiet tat-toroq minħabba li ma kienx għadu jaf jekk il-membri tal-Kumitat Amministattiv jaqblux fuq is-suġġeriment tiegħu. Meta u jekk kien ser ikun hemm qbil, ic-Chairperson kien ser jara liema huma dawk it-toroq żgħar f'Bubaqra u kien ser jerġa jinforma lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv bihom u wara tintalab l-istima tagħhom lill-perit.

15.1.4 Fir-rigward tal-punt li għamel il-membru Joseph D'Amato meta qal li l-Kumitat Amministrattiv jinsab f'qagħda finanzjara tajba, ic-Chairperson qal li bil-fondi li għandu fil-ġurnata tal-lum ma għandux fondi biżżejjed biex issir triq waħda minn Triq it-Torri jew Triq in-Nigret, imma jkollu jieħu mill-flus ta' din is-sena li għadha ma spiċċatx.

Ic-Chairperson qal li sa kemm idum hu bħala Chairperson mhux ser jonfoq flus li għad m'għandux sa dik il-ġurnata.
Bil-fondi li għandu l-Kumitat Amministrattiv bħalissa m'għandux biex jagħmel triq minn dawk li ssemmew s'issa.

15.1.5 Fir-rigward tal-punt li għamel il-membru Joseph D'Amato fuq li mhux ċert li toroq oħra ser jiġu anqas minn 20,000Euro, ic-Chairperson qal li l-perit kien ser jagħmel l-istimi għax hu l-persuna teknika għal dan ix-xogħol.

15.1.6 Fuq il-punt li għamel l-istess membru, fejn qal li jkunu ser jinħlew il-fondi jekk isiru stimi ta' toroq u wara ma jsirux, ic-Chairperson qal li tkellem mal-perit u dan infurmah li jekk wara li jitħallas għas-servizz tal-istima ta' triq u din ma ssirx u ssir snin wara, kull ma jsir mill-perit ikun emendi u l-ispiża tas-servizz tiegħu tkun minima għax ix-xogħol ikun diġa tħallas għalih fl-ewwel stima.

15.1.7 Ic-Chairperson qal li ġie mistoqsi mill-membru Joseph D'Amato, min kien qed imur mal-perit biex jurih ix-xogħol li hemm bżonn. Ic-Chairperson qal li kienet is-Segretarju Eżekuttiv li nfurmat lill-perit b'email (li kienet cc lill-membri kollha) b'dak li kien hemm qbil waqt is-seduta tal-Kumitat

Amministrattiv.

15.1.8 Ic-Chairperson qal li l-Kumitat Amministrattiv ftiehem fuq din il-memo permezz tal-emails għax ma kienx hemm żmien biżżejjed biex issir laqgħa oħra, għax kienet ser tagħlaq l-iskema.
Hu żied jgħid li Kumitat li lest li jaħdem għal ġid tal-lokalita' għandu jiddiskuti fuq mejda l-materja u mhux jikteb lid-dipartiment. Fil-fatt fl-email li kiteb ma infurmax lid-dipartiment li biex issir triq minn dawk li ssemmew kellhom jittieħdu fondi mill- budget ta' din is-sena li ninsabu fiha, liema fondi tista tinħoloq urġenza u jintużaw għal dik l-urġenza.

15.1.9 Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb email lid-Dipartiment bil-punti kollha mqajma f'din is-seduta.

15.1.10 Il-membru Joseph Caruana qal li s-Segretarju Eżekuttiv m'għamlitx sew li infurmat lill-membru Joseph D'Amato bl-istima u pjanta ta' dak li għamel il-perit u lill-membri l-oħra ma nfurmathomx.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil dawk preżenti li kull informazzjoni li jkollha dejjem tagħddiha lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv, f'daqqa, permezz ta' email u mhix problema tagħha li jkun hemm xi membru partikolari li jinnota affarijiet aktar, minn xi membru ieħor. Hi żieded tgħid li l-emails ikun fihom l-informazzjoni kollha li tkun waslet lilha inkluż il-pjanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-email li tindika dan, lil dawk preżenti u kien hemm qbil fuq dan.

15.1.11 Ic-Chairperson talab lill-membri preżenti uffiċċjalment jekk jaqblux li l-Kumitat Amministrattiv jitlob stima lill-perit fuq l-aktar żewġ toroq żgħar li jinsabu f'Bubaqra u li għandhom bżonn wiċċ ġdid.

Kien hemm qbil unanimu li tintalab stima fuq Triq Gio Batta Riccio u Triq Giżwalda Calleja, peress li dawn huma żewġ toroq iżgħar minn dawk li l-Kumitat Amministrattiv diġa kellu stima tagħhom u għalhekk x'aktarx ikunu jiswew anqas.

15.1.12 Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv titlob stima ta' dawn it-Toroq lill-perit u tintagħżel l-aktar triq li toqrob lejn 20,000Euro (l-ammont li qed toffri l-iskema). Dan kollu għandu jsir sa' nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju, 2011.

15.1.13 Il-membru Annetto Bugeja staqsa jekk u meta ser isiru Triq it-Torri u Triq in-Nigret.
Ic-Chairperson wieġeb li dawn it-toroq isiru meta jkun hemm fondi biżżejjed biex jitħallsu. Hu qal li jekk terġa toħroġ skema oħra fis-sena d-dieħla u mill-budget ta' din is-sena jifdal fondi biżżejjed, li meta jiġu nklużi ma' dik tal-iskema, Triq it-torri u Triq in-Nigret jsiru.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

15.1.14 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Awwissu, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**